**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 462/2016**

**VR u PR ('l-ilmentaturi')**

**vs**

***MFSP Financial Management Ltd.***

**(C42720) ('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tat-12 ta' Gunju 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentaturi jghidu li fl-2008, ghamlu invstiment fil-*Keydata International Secure Income Bond-Lifemark SA* permezz tal-kumpanija *MFSP Financial Management Ltd.*

Qabel ma investew spjegaw lill-provditur tas-servizz li huma riedu investiment li jkun '*low risk'* u li dan jaghtihom interessi regolari.

Ghal diversi snin ma rcevew l-ebda tip ta' imghax u issa jidher li anke l-kapital li investew mhux garantit li jircevuh lura.

Qed jitolbu biex l-Arbitru jaghtihom l-ammont ta' €11,647, bhala hlas ta' danni sofferti.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz:**

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni mehuda permezz tal-Ilment waqghet bi preskrizzjoni skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, VR u PR jibbazaw l-Ilment taghhom fuq il-fatt illi huma riedu investiment '*low risk'* li jaghti interessi regolari. Is-Socjetà Esponenti ma taqbilx ma' dan il-fatt ghaliex is-Sinjuri VR u PR kienu gew infurmati b'diversi strumenti ta' investiment u gew infurmati wkoll, u mhux darba biss imma diversi drabi kif ser jigi ampjament ippruvat, illi l-investimenti qatt m'huma ta' kapital garantit u kemm id-dhul kif ukoll il-kapital f'tali investimenti jistghu jvarjaw, u wara li huma gew avzati bir-riskju inerenti f'investiment bhal dan u l-istrutturi ta' remunerazzjoni, VR (bl-adezjoni ta' martu) ghazel hu li jinvesti fil-fond, fis-sena 2008, li fuqu issa qieghed iressaq l-Ilment;

3. Illi huwa evidenti li VR (u martu) qieghed jibbaza l-Ilment tieghu fuq l-allegazzjonijiet li s-Socjetà Esponenti hajret lilu (u lil martu) jinvestu f'investiment li ma kienx kif xtaq jew kif talab. Huma xtaqu li "*l-investiment kien 'low risk' u li dan jaghtina interessi regolari*". Illi l-pozizzjoni tas-Socjetà Esponenti dwar din l-allegazzjoni hija s-segwenti:

   (i) Is-Socjetà Esponenti qatt ma naqset mill-obbligazzjonijiet taghha fil-konfront tal-Ilmentaturi konjugi VR u PR, anzi kienu dejjem strumentali sabiex l-Ilmentaturi ultimatament gawdew mir-relazzjoni taghhom mas-Socjetà Esponenti kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' din il-kawza. Fil-fatt, jinghad illi l-Ilmentaturi kienu investew f'*bond funds* internazzjonali kif ukoll f'investimenti kumplessi u kienu jafu bic-car illi l-'*Keydata Secure Income Plan'* kien strutturat sabiex jaghti imghax erba' darbiet fis-sena bhalma xtaq VR stess.

   (ii) Illi d-dannu jew telf li garrbu l-Ilmentaturi, jekk sehh, sehh totalment bhala rizultat ta' cirkostanzi, avvenimenti u interventi ta' terzi li fuqhom assolutament ma kellhom jew ma seta' jkollhom l-ebda kontroll is-Socjetà Esponenti;

(iii) Illi subordinatament u fil-mertu, l-Ilment u l-allegazzjonijiet tal-Ilmentaturi huma ghal kollox fiergha u infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghaliex f'kull waqt is-Socjetà Esponenti agixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla livell ta' diligenza mistennija fil-ligi, kif jista', jekk ikun hemm il-htiega, jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz;

(iv) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Ilment tal-atturi ma huwiex gustifikat inkwantu huwa car ukoll li l-Ilment jinkludi stqarrijiet ghal kollox mhux veritjieri ghaliex:

a. Kwalunkwe telf li garrbu VR u PR huwa rizultat ta' *Market Risk*, riskju inerenti ta' investiment f'*Senior Life Settlements* bhal dak li fih investew VR u PR (u li fihom kienu ilhom jinvestu mill-anqas mill-2008) u liema investiment kien, fil-hin meta nghatat l-informazzjoni lilhom, jghodd jew *appropriate* ghalihom; u

b. VR u PR qeghdin forsi jhawwdu l-fatti peress illi ghadda daqstant zmien mill-investiment, però huwa car, u jista' jigi pprovat waqt is-smigh, li kienu huma stess li ddecidew li jinvestu f'dan il-prodott *de quo* ghax is-servizzi li nghataw mis-Socjetà Esponenti kienu ta' natura '*Promotion and Selling*'. Jekk ma kienx joghgobhom l-investiment messhom ma ghazlux li jipprocedu bl-ordni. Fil-fatt, is-Socjetà Esponenti la tat '*Advice*' u wisq anqas irrakkomandat lil VR u PR biex jinvestu fl-*ARM AIP* jew fil-*Keydata SIB*, però taw spjegazzjoni tal-investiment u kienu VR u PR stess li ghazlu li jinvestu f'dan l-investiment. VR u PR kellhom esperjenza fl-investimenti ta' dan it-tip, kellhom bizzejjed gherf biex jaghrfu r-riskji u kellhom bizzejjed assi netti sabiex jiehdu r-riskji '*kkalkolati*' li kien qieghed jiehu. Ghal dawn ir-ragunijiet u ohrajn li se jinstemghu u jigu ppruvati waqt is-smigh huwa evidenti li l-Ilment huwa fieragh.

c. Illi, fl-ahhar nett, jinghad illi s-Socjetà Esponenti ma thossx illi hemm rimedju ghall-Ilment kif imressaq mir-rikorrenti peress illi l-Ilment mhuwiex gustifikat. Ma tezisti u lanqas ma nghatat,

kif ma setghetx tinghata, ebda garanzija awtomatika li investiment bhal dak jirrendi dak li kien minnu mistenni kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li jimmatura ghaliex l-investiment hu dak li hu u l-investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tieghu.

(v) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet,**

**Ra l-atti l-ohra tal-kaz**

**Jikkonsidra**

**Eccezzjoni dwar preskrizzjoni**

Il-provditur tas-servizz jghid li l-azzjoni waqghet bi preskrizzjoni skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Dan l-artiklu jghid li: '*azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku;'* hija dik ta' hames snin.

Meta tkellmu dwar il-preskrizzjoni il-Qrati taghna, anke a bazi ghal dak li jipprovdi l-istess Kodici Civili, stabbilew parametri legali kif il-preskrizzjoni ghandha tigi interpretata u applikata, fosthom illi:

1. Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha:

   Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet '*Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr Maria Deguara noe*,[1]

   *'Hija regola ewlenija fil-proceduri li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-*

[1] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru 2003

*preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq';*

2. Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju.[2]

   Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet **il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1987, fil-kawza '*Causon vs Sheibani noe*' illi:-**

   ***'Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le'.***

3. Il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta min jipproponi kaz, ikun jista' jezercita dik l-azzjoni;

   ***Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li:***

   ***'Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'***

4. Huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u, ghalhekk, jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilità taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni.[3]

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Arbitru jrid jara jekk fil-kaz odjern, il-provditur tas-servizz irnexxilux jipprova li l-ilmentaturi skadielhom iz-zmien ta' hames snin minn mindu setghu jezercitaw din l-azzjoni.

F'dan ir-rigward, il-provditur tas-servizz ma ressaq l-ebda provi izda jghid biss fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li l-perjodu tal-preskrizzjoni kellu jibda

[2] *Holland noe vs Chetcuti,* QA, – 25 ta' Frar 2000)
[3] *Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited*, PA, 12/10/2004

jghodd mid-data ta' meta xtraw l-investiment fl-2008. Aktar 'il quddiem jissuggerixxu dati ohra u specifikament id-data tal-ittra li l-ilmentatur baghat lill-provditur tas-servizz fl-2012, u ittri ohra li, allegatament, il-provditur tas-servizz kien baghat lill-ilmentaturi biex jghidilhom x'kien qed isir dwar il-prodott *de quo*. Però, l-Arbitru jinnota li f'dawn l-ittri il-provditur tas-servizz dejjem assigurahom li hu kien qed ikompli jsegwi l-izviluppi u kien ser izommhom infurmati dwar dan.[4] Ghalhekk, ma jistax issa l-provditur tas-servizz, jekk irid jagixxi *in buona fede,* jghid li l-ilmentaturi messhom fittxewh legalment qabel meta hu stess kien qed izommhom imdendlin bit-tama li jistghu jirkupraw l-investiment jew partijiet minnu.

Ghalhekk il-provditur tas-servizz ma rnexxilux jipprova l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u qieghda tigi michuda.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li fil-fehma tieghu huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[5]**

Huwa imperattiv f'dawn il-proceduri li l-Arbitru jigi tal-anqas moralment konvint li l-ilment ghandu jintlaqa' ghax ikun gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari ta' dak il-kaz. U, kif stabbilit diversi drabi mill-Qrati taghna, jinkombi fuq l-ilmentaturi li jressqu verzjoni ibbazata fuq fatti cari li tal-anqas fuq bazi ta' probabbilità, jikkonvincu lill-Arbitru bil-kaz taghhom.

Huwa minnu li l-Kap. 555 jaghti diskrezzjoni wiesgha lill-Arbitru fil-gudizzju tieghu u dan sar sabiex jinholqu proceduri differenti minn dawk tal-Qrati fejn jigu applikati normi differenti li huma inerenti f'legizlazzjoni bi skop specjali li hija mahluqa biex taqdi htigijiet specifici xprunati mill-bidliet socjo-ekonomici li jsehhu mal-milja taz-zmien fis-socjetà. Hekk, perezempju, lejn l-ahhar tas-seklu li ghadda, Jean Carbonnier, gabar dan kollu meta kiteb:

'*In order to respond to the increasing complexity of social life and economic relations, more and more differentiated laws have been needed, which has led to more refined specialisation among jurists'.*[6]

[4] Ara, perezempju, a fol a fol 19, 27, 30 A, 37 A

[5] Kap. 555, Art 19(3)(b)

Dan wassal biex il-kriterju tal-ekwità fid-deliberazzjoni tal-gudikant twessa'. Imma fl-evalwazzjoni tal-provi, xorta baqa' meqjus li min jiftah kaz irid iwassal lill-gudikant biex jemmen il-verzjoni tieghu u jipprovaha sa dak il-grad li jnissel konvinzjoni morali fil-gudikant biex jabbraccja l-allegazzjoni tieghu.

Hekk, perezempju, fis-sentenza ***Eucaristico Zammit -vs- Eustrachio Petrococchino, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952***, il-Qorti qalet:

*'il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet*'.

Barra minn hekk, gie stabbilit illi:

'*Jibqa', però, principju sagrosant fl-ordinament processwali taghna illi l-valutazzjoni ta' dawk l-istess provi hi mhollija ghal liberu konvinciment tal-gudikant. Hemm raguni guridika ghal dan. Hu ghandu s-setgha diskrezzjonali li*

*jistharreg u japprezza l-elementi varji tal-provi, processwalment akkwiziti, u li jipprovdi dwarhom il-konsiderandi tieghu, kompriz il-gudizzju fuq il-verosimiljanza u l-attendibilità taghhom. Dan dejjem, s'intendi, illi fil-perkors ta' din ir-ricerka formattiva huwa jindika r-raguni ta' dak il-konvinciment tieghu.*'[7]

Ghalhekk l-Arbitru ser jaghmel dan.

L-ilmentatur xehed illi huwa kellu ghazla jekk jinvestix fl-*ARM Ltd*. jew mal-provditur tas-servizz, izda l-impjegata tal-provditur ikkonvincietu biex jinvesti maghhom. Jghid li weghditu li ser ikollu dhul regolari u l-investiment kien garantit. Hadet il-profil taghhom billi ghamlitilhom xi domandi. Huma investew €11,000, li minnhom '*ma hadu xejn*', u l-provditur tas-servizz ma kien hallas xejn lilhom. Huma hassewhom imqarrqa u l-impjegata tal-provditur tas-servizz qaltilhom li s-somma kienet ser tirdoppja bl-imghax. L-isem '*Keydata Secure*' ukoll zgwidahom.[8]

---

[6] J.Carbonnier, *Droit civil II, Les Biens, Le obligations* (Paris, PUE,2004)(917) kif kwotat f'*John Cartwright, The Code Napoleon Rewritten, p 37*

[7] *Paul u Dorothy konjugi Zarb vs Emanuel u Carmen konjugi Ellul*, QA (inf), 3/10/2008

[8] A fol 61

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentatur kien digà investa ma' *service provider* iehor f'investimenti ohra u, ghalhekk, ma kinetx l-ewwel darba li kien qed jinvesti; u mid-dokumenti iffirmati mill-ilmentaturi kien jirrizulta li dak iz-zmien l-ilmentaturi kienu investew is-somma ta' €23,294 f'zewg investimenti: 50% jew €11,647 fl-*ARM Assured Income Plan 10Y* bl-10% u 50% jew €11,647 fil-*Keydata International Secure Income Bond 5 YRS* bis-6.8%. Ma sar l-ebda ilment fuq l-*ARM Assured Income Plan*.[9] Jghid ukoll li l-ilmentaturi kellhom investimenti ohra ma' intermedjarji ohra.[10] Din il-verzjoni tal-provditur tas-servizz mhix kontradetta mill-ilmentaturi.

L-Arbitru jinnota li l-ilmentatur, fix-xhieda tieghu permezz tal-*affidavit,* jaghti x'jifhem li huwa kien mar ippreparat ghand il-provditur tas-servizz biex jinvesti fl-*ARM* izda Ms Bisazza ikkonvincietu jinvesti fil-*Keydata*.

Fil-fatt, jghid illi:

'*Illi ahna kellna ghazla dak iz-zmien li jew ninvestu mas-socjetà ARM Ltd. jew mal-intimati izda din Bisazza spjegat li l-investiment li kienet qed tissuggerixxi hi kien hafna aktar ta' serhan ir-ras.*'[11]

L-Arbitru ma jistax ikun konvint minn din l-asserzjoni ghaliex, fil-fatt, jirrizulta minn dak sottomess mill-provditur tas-servizz, li dakinhar li l-ilmentaturi investew fil-*Lifemark* huma investew l-istess ammont ta' flus fl-*ARM* u, ghalhekk, allura, mhux minnu li ghazlu l-*Lifemark* fuq l-*ARM* izda investew fit-tnejn li huma.

Barra minn hekk, l-Arbitru jara inkonsistenzi ohra fix-xhieda tal-ilmentatur meta jghid:

'*Illi s-somma kollha li ahna investejna u li ma hadna xejn minnha kienet tammonta ghal €11,000. Illi minn dan l-ammont ahna ma irkuprajna xejn u s-socjetà intimata ma hallset xejn lilna'.*[12]

Fil-fatt, fil-kontroezami tieghu, l-ilmentatur jipprova jghid l-istess haga, jigifieri li ma rkupra xejn mill-ammont investit, izda malajr bidel il-verzjoni:

---

[9] A fol 195
[10] *Ibid.*
[11] A fol 61
[12] *Ibid*

*'Nghid li s-somma li nvestejna kienet ta' €11,000, u ma hadna xejn u qed nigi mistoqsi kif ma hadna xejn meta hadna sitt pagamenti, nghid li hadt darbtejn bil-glied ghax qaluli li se titnaqqas mis-somma, imbaghad, ma hadtx aktar. Darbtejn hadt zgur.'*[13]

Hawn ukoll l-ilmentatur m'huwa xejn konvincenti. L-ewwel jghid li ma kien ircieva xejn mill-ammont investit, imbaghad, meta gie ippressat fil-kontro-ezami, jghid li zgur kien ircieva darbtejn biss.

Izda il-provditur tas-servizz ta prova li l-ilmentaturi, fil-fatt, kienu hadu flus aktar minn darbtejn: f'Ottubru 2008 - €258.47; f'Dicembru 2008 - €197.07; f'Marzu 2009 - €195.09, f'Gunju 2009 - €450.90; f'Settembru 2009 - €195.65 u fi Frar 2010 - 191.18, b'kollox iggeneraw mill-investiment €1,488.36. Dawn il-figuri ma gewx kontradetti mill-ilmentaturi.

Il-verzjoni tal-ilmentatur tkompli tiddghajjef meta in kontroezami jghid li l-firma fuq id-dokument a fol 22 ma kinetx tieghu. Dan id-dokument ipprezentah l-ilmentatur stess biex jipprova li hu kien kiteb lill-provditur tas-servizz sabiex jistaqsi dwar l-investimenti tieghu fl-*ARM* u l-*Keydata* (*Lifemark*). Allura, kif qed jghid li l-firma fuqu mhix tieghu? L-Arbitru qabbel din il-firma mal-firma tal-ilmentatur fuq il-formola tal-ilment odjern u ma' dik fuq il-*File Note*[14] u ma jista' jara xejn differenti bejniethom.

Dan kollu jwassal lill-Arbitru ghall-konkluzjoni li l-verzjoni li taw l-ilmentaturi mhijiex affidabbli u, ghalhekk, ma rnexxilux jikkonvincih moralment sal-grad tal-probabbilità kif kien mistenni minnu.

Ghalhekk l-Arbitru ma jistax iqis l-ilment bhala wiehed ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, u qed jichdu.

Peress li l-Arbitru cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-ispejjez legali ta' dan il-kaz huma terz ghall-provditur tas-servizz u zewg terzi ghall-ilmentaturi.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji

---

[13] A fol 204
[14] A fol 68